# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

OTTUBRU 2019 – Ħarġa Nru: 174



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## ISSA LI GĦADDIET

Ix-xahar l-ieħor iċċelebrajna, nistgħu ngħidu l-akbar avveniment li jsir f'Ħaż-Żabbar: il-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Huwa avveniment li jsir ta' kull sena u tista' tgħid jiġi ċċelebrat dejjem fuq l-istess linji kemm f'dawk li huma ċelebrazzjonijiet interni kif ukoll esterni bl-istess ħinijiet, l-istess armar, l-istess ħsejjes, l-itess dwal...

Il-festi tagħna huma sbieħ għax leħqu ċertu *pattern* li ilu jinbena s-snin u li issa gie stabbilit. Nieħdu gost nirrepetu, minn sena għall-oħra l-istess ritwal għax dan itina ċerta identità. F'kelma waħda, il-festi tagħna huma vetrina tal-karattru tagħna l-Maltin!

Jekk il-festi jinħassu b'xi mod min-nies fil-lokalitajiet kollha ta' Malta, nistgħu ngħidu li dan japplika bil-wisq aktar għal Ħaż-Żabbar. U dan bir-raġun jagħmilna kburin! In-numru kbir ta' nies li speċjalment rajna din is-sena, għall-purcissjoni, ikun fuq fomm ħafna!



**Impatt fuqna**

Tajjeb iżda, li minn dak kollu li jidher, immorru wkoll fuq l-impatt li l-festi tagħna suppost iħallu fuqna li niċċelebrawhom. Jista' jkun li diversi ħadu sehem fil-festi esterni billi organizzawhom, ferħu, qabżu, kantaw, xorbu tgħannqu mal-ħbieb jew familjari... dan kollu tajjeb, sakemm isir bil-moderazzjoni. Irridu nammettu iżda, li dan mhux dejjem ikun il-kaz!

Ġieli naqbżu l-limiti f'dak li hu kliem u anke mġieba! Jiena rċevejt emails u anke noti m'għand nies li, ma approvawx il-kliem u l-kant li ġieli ingħad jew tkanta waqt marċi jew attivitajiet tal-massa!

Jista' jkun li diversi organizzaw u anke ħadu sehem fil-festi ta' ġewwa u segwew ir-ritwal tas-soltu. Kienu kuntenti li ġew imħarsa t-tradizzjonijiet li ilhom fostna s-snin, taw xi donazzjoni għall-festa jew għad-damask il-ġdid, imxew fil-purċissjoni u anke qalu r-rużarju... dan kollu sewwa u xieraq!

**Virtù partikulari**

Imma tajjeb insaqsu lilna nfusna: Din il-festa sabiħa li għamilna lil Ommna Marija tal-Grazzja, ħalliet xi impatt fuqi personalment? Kien hemm xi virtù li laqatni mill-priedki tan-Novena jew minn diskorsi oħra li jien se nipprova nfassal ħajti fuqu? Fil-ħidma tiegħi mal-oħrajn ippruvajt naħdem aħjar magħhom, apprezzajt it-talenti li għandu ħaddieħor,

ippruvajt inħalli fil-ġenb il-pika żejda li twassal kultant għal imġieba immatura?

Min rani niċċelebra rani bħala bniedem ekwilibrat? Tajt każ ta' dawk li l-festi ma tantx jinżlulhom, jew bl-imġieba tiegħi aktar saħħaħthom fil-fehma tagħhom?

Dawn, u riflessjonijiet oħra, tajjeb nagħmluhom issa, kif il-festa għada friska ħalli kif se nibdew sena soċjali oħra, nippruvaw insaħħu dak li hemm tajjeb fina u madwarna. Min-naħa l-oħra, naraw kif nIżbru dak li qed joħloq ambjent xejn akkoljenti.

Hemm min diġà beda jgħodd il-ġimgħat għall-festa li jmiss! Ejjew qabel ma nagħmlu dan, neżaminaw ftit l-operat tagħna fil-festa li għaddiet. Jiena persważ li Marija żgur ħadet pjaċir bina. Ejjew iżda ninterjorizzaw din l-esperjenza sabiħa li għaddejna minnha u fl-istess ħin, intejbu dak li seta' tappan xi partijiet mill-festa.

***Dun Evan***

---

# IL-PROĠETT TAD-DAMASK...

Kif nafu, qabel il-festa, tħabbar li l-parroċċa se tidħol għall-proġett biex jibda jinbidel id-damask l-aħmar imsejjah "tal-palma", li jintuża l-aktar fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

Fi ftit żmien ieħor se jitwaqqaf grupp apposta biex jara li dan il-proġett mhux żgħir, isir kif suppost u li anke jkollu l-finanzi meħtieġa biex jinbeda u jitkompla.

Partijiet minnu, l-aktar il-pilastri, għandhom id-data tal-1880 u allura għamlu żmienhom sew! Id-damask tgħarraq ukoll għax fl-imgħoddi kien jintuża' mal-erba' darbiet fis-sena: fil-festa, Ħadd in-Nies, Corpus u l-Milied. Kif nafu, il-ħarir mhux b'saħħtu biżżejjed biex jiflaħ għal ċertu strapazz.



Id-damask il-ġdid mhux se jkun tal-ħarir biss imma se jkollu taħlita ta' *rayon* miegħu għar-rinforz. Madwar 3 snin ilu kienu diġà nġiebu rappreżentanti tar-"Real Seta" – kumpanija Taljana fejn anke bagħtulna kampjun bħad-damask "tal-palma" kif ukoll stima. Ovvjament din issa trid tiġi riveduta. Irridu naraw ukoll l-ispejjeż l-oħra li jinkludu: l-inforra, ix-xoqqa, il-gallun, il-frenża, il-ġmiemen u aċċessorji oħra. L-akbar uġiegħ ta' ras hija l-ħjata tiegħu li trid ħafna attenzjoni biex meta d-damask jiddendel, dan ikun pulit.

Sakemm qed niktbu, is-somma miġbura mill-festa 'l hawn hi ta' €11,300. Nirringrazzja ħafna lil dawk li kkontribwew s'issa. 'Il quddiem bi ħsiebna ngħidu kemm jiġu jiswew partijiet mid-damask, ngħidu aħna: pilastru, pavaljun, lunetta eċċ. għal min ikun irid iħallas parti minnu.

L-ewwel li se jinbidlu huma l-pilastri li jidhru mgħarrqin sew, imbagħad naraw x'inkomplu minnu. L-aħħar damask li sar kien fin-navi fl-1951 fi żmien l-Inkurunazzjoni u li għadu jidher fi stat tajjeb.

Nittama li nkomplu nsibu l-koperazzjoni tagħkom ħalli dan il-proġett narawh iseħħ ma jdumx.

Grazzi ħafna lil kulħadd.
L-Arċipriet

# TGĦID NINSABU F'XIFER DIŻASTRU?!



Il-ħruq ta' parti sew mill-foresta Amzonia fil-Brazil, f'Awwissu li għadda, kif ukoll il-foresti fis-Siberja, qanqal għadab kbir madwar id-dinja kollha. Dawn il-foresti huma msejħa "il-pulmun tad-dinja". L-ammont kbir ta' siġar li fihom, jassorbu kontinwament il-karbonju u jroddu lura l-ossiġnu li tant hu meħtieġ għall-għixien tal-bniedem.

Il-ħruq ta' kilometri sħaħ ta' foresta biex il-bdiewa jkunu jistgħu jiżirgħu u jrabbu l-annimali; biex in-negozjanti jkunu jistgħu jaqtgħu s-siġar għall-kummerċ, u tant bżonnijiet oħra, kienu qed jgħeddu l-istess eżistenza tad-dinja!

Mhux ta' b'xejn li x-xeni ta' ħruq tas-siġar nissel rabja f'dawk kollha li kienu qed jassistu għal dan l-ispettaklu kiefer! Mhux ta' b'xejn ukoll, li saru diversi protesti madwar id-dinja speċjalment kontra l-Gvern Brażiljan li ftit li xejn għamel – l-istess bħal dak Russu – biex iwaqqfu din it-traġedja.

Nirringrazzjaw 'l Alla li llum sirna aktar konxji tal-ambjent u ħafna NGOs qed isemmgħu leħenhom biex ma nibqgħux neqirdu din il-pjaneta li, suppost se ngħadduha aħjar milli sibniha lil ta' warajna.

Il-fatt li d-dinja qed tisħon permezz ta' l-hekk imsejjah effett-serra, qed iwassal biex ħafna mis-silġ fil-poli qed idub kontinwament. Dan qed iġib riskju għal dawk il-gżejjer baxxi li qegħdin mal-livell tal-baħar li jistgħu jgħibu għal kollox.

It-tibdil tal-klima qed iwassal ukoll għal temp estrem bħal tifuni, trombi tal-arja, għargħar bħal ma ġara x-xahar li għadda ġewwa l-Bahmas, u tant diżastri naturali oħra li qed iġibu qerda u mwiet kontinwi.

Ejjew, ilkoll kemm aħna naġġornaw ruħna b'dak li qed jiġri madwarna. Ejjew nieħdu l-miżuri meħtieġa, anke dawk żgħar, bħal tnaqqis fl-emissjonijiet mill-karozzi tagħna, l-użu ristrett tal-plastic, is-separazzjoni tal-iskart u oħrajn. B'hekk ngħinu ħalli din il-pjaneta ma tiblgħaniex imma nibqgħu ngawduha billi nkunu ħbieb tagħha u mhux għedewwa!

---

## Kliem GRETA THUNBERG...




*Greta hi żagħżugħa Svediża li għamlet isem meta f'Awissu 2018, bil-kuraġġ kollu, bdiet dawk li saru magħrufa bħala: "Skolstrejk För Klimatet" – strikes fl-iskejjel kull nhar ta' Ġimgħa favur il-klima, u li nfirxu mad-dinja kollha. F'Diċembru tas-sena l-oħra, hija indirizzat il-konferenza dwar it-tibdil tal-klima organizzata mill-Ġnus Magħquda.*

"Id-dar tagħna qed taqbad. Jiena qegħdha hawn biex intenni li d-dar tagħna qed taqbad! L-adulti jgħidu li jixtiequ jagħtu t-tama liż-żgħażagħ. Imma jiena ma rridx it-tama tagħkom. Ma nixtiqkomx li tittamaw. Irridkom tippanikjaw! Irridkom tesperjenzaw il-biżgħa li jien ngħaddi minnu kuljum. Barra dan irridkom taġixxu. Irridkom taġixxu hekk kif tagħmlu meta tkunu f'xi kriżi. Irridkom taġixxu daqslikieku d-dar tagħna qed taqbad. Kif fil-fatt hi!

(Parti minn diskors lil *World Economic Forum*, Jannar 2019)

## NILTAQGĦU NHAR … OTTUBRU 2019

**Tlieta 1**: Santa Tereża tal-Bambin Ġesù – Tifkira O
**Erbgħa 2:** L-Anġli Kustodji Mqaddsa – Tifkira O
**Ġimgħa 4**: L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Fis-7.00pm adorazzjoni komunitarja li tintemm bil-barka Sagramentali. San Franġisk t'Assisi, djaknu – Tifkira O
**Sibt 5:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudija.
**Ħadd 6:** **Is-27 Ħadd ta' matul is-sena.** Fil-parroċċa niċċelebraw **il-festa tal-Madonna tar-Rużarju**. Fil-5.30pm quddiesa bil-kant u l-omelija u għas-6.30pm purċissjoni bil-vara tal-Madonna li fiha jingħad ir-Rużarju.
**Tnejn 7:** L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju – Tifkira O
**Ħadd 13:** **It-28 Ħadd ta' matul is-sena**
**Tlieta 15:** Santa Tereża ta' Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ħamis 17**: San Injazju ta' Antijokja, isqof u martri – Tifkira O
**Ġimgħa 18**: San Luqa, evanġelista – Festa
**Ħadd 20:** **Id-29 Ħadd ta' matul is-sena –** ***Il-Ġurnata Missjunarja.*** Fl-10.00am jibda l-aħħar **seminar** għall-kandidati tal-Griżma u l-ġenituri tagħhom.
**Ħadd 27:** **It-Tletin Ħadd ta' matul is-sena.** Fis-santwarju niċċelebraw **is-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Knisja.** Fl-10.15am Konċelebrazzjoni. Fl-istess quddiesa jitfakkar il-110 anniversarju mit-twaqqif tal-MUSEUM subien f'Ħaż-Żabbar.
**Tnejn 29:** San Xmun u San Ġuda, appostli – Festa

# MAWRA FI SPANJA TA' FUQ




Fi Frar li ġej (3-14 ta' Frar), il-parroċċa se torganizza mawra għal Spanja, propjament fin-naħa ta' fuq, imsejħa "The Basque Country". Dan ir-reġjun, li għamel żmien ried li jinqata' mill-kumplament ta' Spanja, għandu karattru u anke lingwa għalih.

Inżuru Bilbao, San Sebastian, Vitoria, Pamplona, Loyola, u Biarritz (Franza) u diversi bliet oħra. Min hu nteressat, ikellimna.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Carmelo Calleja (74), Mario Tabone (62), Kelina Galea (79), Feliċa Delia (73), Grazio Lia (97), Laurent Coleiro (79), Joseph Tabone (66), Vincenza Bonavia (73). George Axisa (81), Antonia Gulia (92), John Gerada (59), Maria Grazia Mamo (86), Marisa Gerada (47), David Falzon (74), Lucija Pulis (82), Joseph Theuma (74). Saviour Vella (59), Elizabeth Micallef (50), John Pisani (84), Catherine Seguna (88), Ġużeppi Camilleri (85), Andrè Farrugia (42).